

32006R1799

L 341/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.12.2006

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1799/2006

tas-6 ta' Diċembru 2006

## li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni dwar is-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari Artikolu 15 (3) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità <sup>(2)</sup> jiffissa *inter alia* d-dati taċ-ċensiment dwar il-flotta, il-kodiċijiet għall-irkapti (tagħmir) tas-sajd u l-kodiċijiet għall-ghajjnuna pubblika;
- (2) Huwa meħtieġ li jiġu ffissati d-dati taċ-ċensiment għall-Istati Membri ġodda li se jissiehu ma' l-Unjoni Ewropea sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004;
- (3) Sabiex jiġu identifikati aħjar daww il-bastimenti involuti f'attivitajiet ta' sajd artiġjanali jew fuq skala żgħira, huwa meħtieġ li tiġi introdotta distinzjoni aktar preċiża fost l-irkapti tas-sajd;

- (4) Sabiex tiġi ssorveljata l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 25(3) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006, dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd <sup>(3)</sup>, huwa meħtieġ li jiġu introdotti kodiċijiet ġodda sabiex tiġi kkomunikata s-sostituzzjoni tal-magni permezz ta' ghajjnuna pubblika;
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 26/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif jixraq
- (6) Il-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 26/2004 huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni  
Joe BORG  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25.

<sup>(3)</sup> ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

## ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 26/2004 huwa emendat hekk:

(1) It-Tabella 2 tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 2

**Data ta' ċensiment iffissata skond il-pajjiż**

BEL, DNK, FRA, GBR, PRT	1.1.1989
NLD	1.9.1989
DEU, ESP	1.1.1990
IRL	1.10.1990
ITA	1.1.1991
GRC	1.7.1991
SWE, FIN	1.1.1995
CYP, EST, LTU, LVA, MLT, POL, SVN	1.5.2004
Stati Membri msieħba wara l-1 ta' Meju 2004	Data ta' l-ađeżjoni"

(2) It-Tabella 3 tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 3

**Kodiċijiet għal irkapti tas-sajd**

Kategoriji ta' r-kapti tas-sajd	Irkaptu tas-sajd	Kodiċi	Statiku (S) jew irmunkat (T) jew imħaddem (M)	Pelaġiku (P) jew demersali (D)
Għeżula tat-tidwir	Purse Seines	PS	M	P
	Xbieki tal-Lampara	LA	M	P
Tartaruni	Tartaruni tax-xatt ( <i>Beach seines</i> )	SB	T	D/P
	Tartaruni Daniżi	SDN	T	D/P
	Tartaruni Skoċċiżi	SSC	T	D/P
	Tartaruni tal-par	SPR	T	D/P
Xbieki rmunkati	Xbieki tat-tkarkir bit-travu ( <i>beam trawls</i> )	TBB	T	D
	Xbieki tat-tkarkir bid-diverġenti	OTB	T	D
	Xbieki tat-tkarkir tal-par	PTB	T	D
	Xbieki rmunkati bid-diverġenti fil-fond nofsani ( <i>Midwater otter trawls</i> )	OTM	T	D/P
	Xbieki rmunkati tal-par għas-sajd pelaġiku ( <i>Pelagic pair trawls</i> )	PTM	T	D/P
	Xbieki rmunkati tal-par bid-diverġenti ( <i>Otter twin trawls</i> )	OTT	T	D/P
Ħammiela	Ħammiela tad-dgħajjes	DRB	T	D
	Ħammiela ta' l-idejn li jintużaw fuq bastiment	DRH	T	D
	Ħammiela mekkanizzati li jinkludu ħammiela tal-għbid ( <i>suction</i> )	HMD	T	D
Xbieki ta' l-irfigħ	Xbieki ta' l-irfigħ imħaddma permezz tad-dgħajjes	LNB	M	P
	Xbieki ta' l-irfigħ tal-post imħaddma mill-art	LNS	M	P

Kategoriji ta' rkapti tas-sajd	Irkaptu tas-sajd	Kodiċi	Statiku (S) jew irmunkat (T) jew imħaddem (M)	Pelaġiku (P) jew demersali (D)
Għeżula	Xkitti fissi (ankrati)	GNS	S	D
	Għeżula tal-mitlaq	GND	S	D/P
	Xkitti tat-tidwir	GNC	S	D/P
	Pariti	GTR	S	D/P
	Parit-Xkitt	GTN	S	D/P
Nases	Nases	FPO	S	D
Snanar u xolfa	Xolfa ta' l-idejn u xolfa tal-qasba (imħaddma bl-idejn)	LHP	S	D/P
	Xolfa ta' l-idejn u xolfa tal-qasba (mekkanizzati)	LHM	S	D/P
	Konzijiet fissi	LLS	S	D
	Konzijiet (mitluqa)	LLD	S	P
	Rix	LTL	M	P
Irkaptu tas-sajd mhux magħruf <sup>(1)</sup>		NK		
L-ebda rkaptu tas-sajd <sup>(2)</sup>		NO		

(<sup>1</sup>) Mhux validu għall-bastimenti kollha fil-flotta jew rappurtat mill-1.1.2003.

(<sup>2</sup>) Validu biss għal irkaptu tas-sajd sussidjarju.

(3) It-Tabella 7 tinbidel b'dan li ġej:

"Tabella 7

**Kodiċijiet għall-għajnuna pubblika**

Għajnuna mhux iffinanzjata parzjalment mill-Komunità	AE
Għajnuna ffinanzjata parzjalment mill-Komunità	AC
L-ebda għajnuna pubblika	PA
Għajnuna għas-sostituzzjoni tal-magna bil-kundizzjoni li titnaqqas is-saħħa (għażla individwali)	EI
Għajnuna għas-sostituzzjoni tal-magna bil-kundizzjoni li titnaqqas is-saħħa (għażla għal grupp)	EG"